**Qorti tal-Appell Kriminali**

**GĦAWDEX**

**Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 10 / 2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Manuel Xuereb**

Illum 30 ta' Ottubru 2023

**Il-Qorti;**

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Manuel Xuereb detenur tal-karta tal-identita' Maltija 17003 L, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> Fit-2 ta' Novembru 2022, għall-ħabta tat-8.20hrs waqt li kien fi Triq il-Madonna tal-Ħniena, Xewkija u fil-viċinanzi:-

1. Saq jew ippermetta li titħalla l-vettura ta' għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni VIC112 fi triq, kemm ipparkjata kif ukoll jekk qed tintuża, mingħajr liċenzja ta' ċirkulazzjoni maħruġa mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta;

2. Saq il-vettura ta' għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni VIC112 mingħajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

3. Naqas li jwaħħal id-diska tal-liċenzja fuq in-naħa tax-xellug tal-windscreen tal-vettura ta' għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni VIC112 b'tali mod li tidher minn barra;

4. Naqas li jżomm vettura ta' għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni VIC112 fi stat tajjeb ta' tiswija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-2 ta' Ġunju, 2023, fejn il-Qorti sabet lil Manuel Xuereb ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuża u kkundannatu għal multa komplessiva ta' €2,330 filwaqt li lliberat lill-akkużat mir-raba' akkuża miġjuba kontrih.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2A tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta skwalifikat lill-akkużat milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Manuel Xuereb, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-13 ta' Ġunju, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza tal-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Għawdex) tat-2 ta' Ġunju 2023, u filwaqt li tikkonfermaha in kwantu din sabet lill-appellant mhux ħati

tar-raba' akkuża, min-naħa l-oħra tirrevokaha fejn sabitu ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuża u tilliberah minnhom u dan kollu taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat l-aggravji tal-appellant Manuel Xuereb li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe':

L-ewwel aggravju huwa n-nuqqas minn naħa tal-pulizija u/jew uffiċjali tal-Awtorita' għat-Trasport li mhux biss li jipprovdu l-assistenza legali iżda wkoll li jgħidulu b'mod ċar xi drittijiet għandu.

Illi t-tieni aggravju huwa l-fatt li l-appellant kien ċert li missieru ħa ħsieb bħal ma dejjem għamel li jħallas il-liċenzja u assikurazzjoni tal-vettura u kien għalhekk illi saq l-istess vettura fuq struzzjonijiet ta' missieru;

It-tielet aggravju huwa li mingħajr preġudizzju għas-suespost il-prosekuzzjoni talbet is-sospenzjoni tal-Liċenzja ai termini tal-Artikolu 15 (3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku meta ma kien hemm l-ebda akkuża taħt din l-Ordinanza;

Ir-raba' aggravju li mingħajr preġudizzju għas-suespost jekk tinstab ħtija s-sospenzjoni tal-liċenzja ma għandhiex tkun ta' sena stante li l-appellant għandu bżonn il-liċenzja tenut kont ix-xogħol tiegħu u ċirkustanzi oħra.

**FATTI**

1. Illi l-vettura ta' għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni VIC112 hija vettura vintage, proprjeta' u reġistrata fuq Victor Xuereb missier l-appellant li jaħdem

fl-esteru (fil-Kanada). Victor Xuereb jieħu ħsieb dak kollu li għandu x'jaqsam ma' din il-vettura u meta jkun f'Malta jużaha biss biex jagħmel xi dawra biha;

2. Illi Victor Xuereb dejjem ħa ħsieb il-ħlas tal-liċenzja u assikurazzjoni hu stess u kien jitlob lill-appellant biex darba kull tant, mhux aktar minn darba f'xahar, joħroġha għal ftit ħin biex iħaddem il-magna;

3. Illi fit-2 ta' Novembru 2022 l-appellant ħareġ din il-vettura, meta kien ċert li missieru kien ħa ħsieb dak kollu li għandu x'jaqsam magħha, biex iħaddimha għal ftit ħin. Illi kif wasal ftit bogħod minn fejn l-appellant joqgħod fid-dar tal-ġenituri tiegħu huwa twaqqaf minn uffiċjali ta' Transport Malta;

4. Illi mingħajr ma ngħata d-dritt li jkellem avukat u mingħajr ma ġew spjegati d-drittijiet li huwa għandu l-istess uffiċċjal għamillu numru ta' mistoqsijiet u spezzjona l-vettura. Kien f'dak il-ħin li l-appellant ġie konxju li missieru kien għadu ma ħallasx il-liċenzja u assikurazzjoni tal-vettura.

**L-Ewwel Aggravju**

Illi mill-provi prodotti joħroġ ċar illi meta l-appellant twaqqaf mill-Uffiċjali tal-Awtorita' għat-Trasport u/jew il-Pulizija dawn fl-ebda ħin ma infurmawh bid-drittijiet legali tiegħu fosthom illi jista' jitlob assistenza ta' Avukat u bid-drittijiet tiegħu l-oħra kollha inkluż li jista' jibqa' sieket u ma jirrispondi għall-ebda domanda;

Illi minkejja li l-appellant issottometta dan quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti din ma tat l-ebda piż lil dan il-fatt u ma għamlet l-ebda referenza għaliha fis-sentenza tagħha.

**It-Tieni Aggravju**

Illi l-appellant fix-xhieda tiegħu kien ċar li l-vettura hija ta' missieru u li huwa missieru li dejjem ħa ħsieb li jħallas il-liċenzja u assikurazzjoni tagħha. Illi meta huwa jaf li missieru tant jieħu ħsieb din il-vettura qatt ma għaddielu minn moħħu li din ma kellhiex il-liċenzja mħallsa. Kull ma kien qed jagħmel jobdi ordnijiet ta' missieru, li jaħdem fl-esteru, biex kull tant żmien iħaddem għal ftit ħin il-karozza.

L-appellant issottometta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti li tenut kont taċ-ċirkustanzi għandu jiġi applikat l-Artiklu 3 (1) (B) tal-Kap 104 liema Artiklu jgħid :-

> *"1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir."*

Quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti l-appellant xehed dan kollu u rrisponda kull mistoqsija dwar dan. Ikkonferma li l-vettura hija waħda vintage ta' missieru li jaħdem fl-esteru u li huwa ġie mqabbad minn missieru biex darba fix-xahar iħaddimha ftit. Huwa xehed kif dan ir-reat huwa ma kienx jaf bih u li qatt ma għaddielu minn moħħu li missieru ma kienx ħa ħsieb kollox kif dejjem għamel fis-snin li ilu msiefer.

**It-Tielet Aggravju**

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tordna s-sospensjoni tal-Liċenzja tal-appellant stante illi l-Prosekuzzjoni fl-akkuża tagħha talbet is-sospenzjoni tal-Liċenzja ai termini tal-Artikolu 15 (3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku.

Illi ma kien hemm l-ebda akkuża maħruġa taħt din l-Ordinanza u għalhekk is-sospensjoni ma kellhiex tingħata.

Illi l-Prosekuzzjoni fl-ebda stadju ma talbet korrezzjoni u għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha quddiemha talba għas-sospensjoni ai termini tal-Ordinanza dwar it-Traffiku u mhux taħt il-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ir-Raba' Aggravju**

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jekk tinstab ħtija s-sospenzjoni tal-liċenzja ma għandhiex tkun ta' sena stante li l-appellant għandu bżonn il-liċenzja tenut kont ix-xogħol tiegħu u ċirkustanzi oħra li jagħmlu kważi impossibbli għalih li ma jkollux liċenzja tas-sewqan.

Illi huwa saq il-vettura ta' missieru li kienet għadha mhux imħallsa mhux b'mod konxju iżda biss għax ħaseb li missieru, bħal dejjem, ħa ħsieb dak kollu konness mal-vettura tiegħu.

Illi l-Artiklu 3 (2) (A) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi :-

> "(2A) Kull min jinstab ħati ta' reat taħt dan l-artikolu għandu (**ħlief jekk il-qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-qorti li tordna żmien itwal ta' skwalifika**) jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun ġie misjub ħati:"

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-28 ta' Awwissu 2023.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-każ u dan fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2023.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **<u>Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino</u>** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> *Ma hemmx bzonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita' (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Inglizi segwiti anki mill-Qrati*

*taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".*

In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kinitx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

Illi għalhekk sta għal din il-qorti biex teżamina bir-reqqa l-provi mismugħa quddiem l-Ewwel Qorti.

Nhar it-23 ta' Marzu, 2023 xehed **Saviour Farrugia** bħala rappreżentant ta' Transport Malta. Dan spejga illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni VIC 112 tal-għamla BMW 518 qiegħda reġistrata f'isem Victor Xuereb detentur tal-karta ta' idenita' numru 51760G u ilha hekk reġistrata sa mill-14 ta' Lulju 1985. Jgħid li l-liċenzja kienet imħallsa sal-31 ta' Ottubru 2022.

Antoine Grech Senior Enforcement Officer numru 8 ma' Transport Malta jgħid li waqt li kien fuq roadblock fi Triq il-Madonna tal-Ħniena nhar it-2 ta' Novembru 2022 għall-ħabta tat-8.20 a.m waqqfu vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni VIC

112 li kienet għaddejja minn tal-Ħniena int u sejjer mix-Xewkija lejn it-triq tal-Qala. Din kellha l-liċenzja tat-triq skaduta fis-sena 2022.

Il-vettura kienet qed tinstaq lejn ix-Xewkija. Kienet ġejja minn Għajnsielem jew mill-Qala, insomma il-main road u waqqfuh u kellmu lis-sewwieq li kien Manuel Xuereb detentur tal-karta ta' identita' numru 17003 (L), l-akkużat odjern. Meta staqsieh għaliex il-liċenzja kienet skaduta qallu li kien sejjer iħallas l-insurance għand Salvu Bajada fil-qrib forsi nofs kilometru 'l bogħod. Qallu li mela lanqas insurance ma kellu. Din il-vettura kienet qed iġġorr number plates suwed ta' tip classic jew vintage car u ressaqha ma' ġenbu u kien hemm il-VIU unit (Vehicle Inspection Unit) u spezzjonaw il-vettura wkoll. Il-vettura kellha s-sadid u l-odometer ma kienx qed jaħdem. Il-vettura ġiet ittowjata. Minkejja li hija karozza vintage suppost din tkun fi stat ta' riparazzjoni tajba ħafna u mhux bis-sadid kif fil-fatt kienet.

In kontro eżami jgħid li kienu flimkien mal-pulizija għaliex suldati ma kienx hemm. Jikkonferma li qabel ma tkellem mal-akkużat ma tah l-ebda dritt legali lanqas li kellu dritt li jkun assistit minn avukat tax-xelta tiegħu u lanqas *caution* ma kien tah. Jgħid li meta l-pulizija waqqfuh kien iktar 'il quddiem, ma jafx jekk il-pulizija tawhx il-*caution*. Jgħid li rriżultalu li l-vettura kienet tgħajjat lil Manuel Xuereb għax hekk qallu l-akkużat li kien sejjer iħallas l-insurance.

Jgħid li huwa ra s-sadid x'ħin infetaħ il-bonnet u meta l-karozza tkun classic jew vintage din trid tkun f'kundizzjonijiet tajba. Jgħid li kien ilu fit-Transport Malta għal ħmistax-il sena u hekk kien ġie mgħallem.

L-imputat **Manuel Xuereb** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar it-2 ta' Ġunju, 2023, u jgħid li kien ġie mwaqqaf mid-dirigenti tat-Transport Malta. Jgħid li l-vettura in kwistjoni hija ta' missieru Victor u dan ilu msiefer għal għoxrin sena. Daqqa jkun Malta u daqqa jkun imsiefer. Lilu ħadd ma tah *caution* meta waqqfuh, la tat-Transport Malta u lanqas il-pulizija. Jgħid li ma kienx jaf li l-insurance u l-liċenzja tat-triq tal-vettura ma kinux ġew imħallsa. Qal li s-soltu missieru jgħidlu biex joħroġ il-karozza darba fix-xahar u kien ilu ma jgħidlu u biex il-battery ma taqax ħariġha. Jgħid li mhux minnu li kien qal lil tat-Transport Malta li kien sejjer iħallas l-insurance. Ma kienx jaf meta ħareġ bil-karozza li ma kinitx koperta b'polza ta' sigurta u b'liċenzja. Mistoqsi

kif tinstab il-karozza jgħid li minn barra tajba ħafna, jaħsilha darba fix-xahar, il-bqija tkun fil-garage u jużaha missieru meta jiġi minn barra u jgawdiha. Jgħid li vera fiha xi sadid taħt il-bonnet. Din il-vettura għandha kważi erbgħin sena, ilha li ħarġet mis-sena 1985. Jgħid li l-ispeedometer kien imwaħħal. Issa ħadha għand il-mechanic wara li ġibdulu l-attenzjoni dwar in-nuqqasijiet.

Illi jingħad dwar l-ewwel aggravju li din il-Qorti ma hix ser tagħti każ jew aħjar qies ta' dak li seta' qal l-appellant kemm lill-membru tat-Transport Malta li waqqfu dakinhar tat-2 ta' Novembru 2022 meta kien fi Triq il-Madonna tal-Ħniena, Xewkija u dan għaliex ma ngħata l-ebda dritt kardinali li huwa intitolat għalihom, la d-dritt li jkun rappreżentat minn avukat tax-xelta tiegħu u lanqas id-dritt tas-silenzju u dan kontra dak dispost fid-Direttiva tal-EU 2103/48 kif trasposta fil-liġi domestika tagħna bl-att LI tal-2016. Illi l-artikolu 355AUA tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:-

> *355AUA. (1) The suspect or accused person shall have the right of access to a lawyer in a timely manner and in such a way as to enable it to exercise defence rights practically and effectively.*
>
> *(2) The suspect or accused person shall have access to/for a lawyer without any delay. In any eventuality, the-suspect or accused person must access a lawyer from the moment the first of these events occurs:*
>
> *(a) before being questioned by the Executive Police or by another law enforcement authority or any authority judicial role as regards the commission of a crime.*
>
> *(b) ommisses*
>
> *(c) ommisses*

Illi għalhekk dak kollu li qal l-appellant ser jiġi skartat. Pero' jibqa' l-fatt illi l-appellant instab isuq minn rappreżentant tat-Transport Malta fi Triq il Madonna tal-Ħniena, Xewkija nhar it-2 ta' Novembru 2022 vettura tal-għamla BMW 5618 bin-numru ta' reġistrazzjoni VIC 112. Jirriżulta wkoll li Saviour Farrugia rappreżentant ieħor ta'

Transport Malta kkonferma li l-liċenzja ta' din il-vettura kienet skadiet fil-31 ta' Ottubru 2022 u għalhekk m'hemmx dubju li l-ewwel akkuża tirriżulta provata.

L-appellant jgħid li l-ewwel Qorti ma tatx każ din id-difiża tiegħu u dan għaliex ma semmiet xejn fis-sentenza tagħha. Illi jingħad f'dan ir-rigward li l-Ewwel Qorti ma hix obbligata timmotiva s-sentenza tagħha. Illi dan in-nuqqas huwa għal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-ġudikant meta jkun qed jiddeċiedi kawżi bħal dawn u tagħmilha diffiċli kemm għall-parti vinċitrici li ssostni u tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll għall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun teżisti biss f'moħħ il-ġudikant. Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell tħoss li jkun il-każ li tikkonferma s-sejbien ta' ħtija u l-piena erogata, jkollha ta' spiss tagħmel ix-xogħol tal-Qorti tal-Maġistrati hi stess billi timmotiva għall-ewwel darba s-sejbien ta' ħtija u piena. Din il-prattika għalhekk hija waħda irregolari u trid tiġi evitata għax qed twassal għal stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta. (ara wkoll App. Krim. **Il-Pulizija vs. James Grima** [1]**)**

Pero', sakemm issir emenda opportuna, ma hux il-każ li sentenzi ta' din ix-xorta jiġu annullati u l-Qorti tal-Appell Kriminali tkun trid tgħaddi biex tevalwa mill-ġdid il-provi mingħajr il-benefiċċju li tkun taf il-punto di partenza li jkun iggwida lill-Ewwel Qorti biex tasal għall-konklużjonijiet tagħha. Għalhekk sa hawn tista' tasal din il-Qorti fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellant fir-rigward li l-ewwel Qorti naqset li ssemmi d-difiża tiegħu fis-sentenza tagħha.

Dwar it-tieni aggravju l-appellant jgħid li l-vettura hija ta' missieru u huwa missieru li dejjem ħa ħsieb li jħallas il-liċenzja tal-vettura u l-assikurazzjoni. Jgħid li meta waqqfuh ma kienx jaf li l-vettura ma kinitx koperta bil-liċenzja tas-sewqan u b'polza ta' sigurta'. Jiġi rilevat li dawn l-akkużi huma akkużi ta' strict liability.

*Issa l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta li jitkellem fuq ir-reat li l-appellant kien mixli bih fit-tieni imputazzjoni jiddisponi illi:*

> *(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-*

[1] Deċiż nhar it-8 ta Marzu 2007

*toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*

*(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4). (1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.*

Huwa evidenti minn qari ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi illi għandha tirriżulta r-reita' kull meta ma jkunx hemm maħruġ favur il-persuna imputata bir-reat taħt l-artikolu 3 ċertifikat tal-assigurazzjoni. Il-leġislatur, imbagħad, iqiegħed fuq l-ispalla tal-persuna akkużata l-ħtieġa li huwa jeżonera ruħu mir-responsabbilta' kriminali meta allura 4 għandu jġib prova illi l-vettura hija koperta b'polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan billi juri li hemm fuq persuntu ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ fit-termini tal-artikolu 4(4) tal-Ordinanza favur tiegħu.

Is-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Andre' Apap</u>** li għaliha tagħmel referenza l-Qorti fid-deċiżjoni su-iċċitata:

*"Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu: il-preżunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)" tal-Kap. 104. Din id-dispożizzjoni ma tħalli lok għall-ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi ħtiega li jsir xi sforz biex id-dispożizzjoni tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 tiġi rikonċiljata permezz ta' proċess ta' interpretazzjoni mad-dispożizzjoni tal-artikolu 10(1) tal-istess Kap għaliex iż-żewġ dispożizzjonijet jirregolaw sitwazzjonijiet diversi. L-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 jirregola x'jiġri fi proċeduri kriminali għal*

*reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 mentri l-artikolu 10(1) tal-istess Kap jirregola r-riżarċiment mill-assikurazzjoni għal xi responsabbilta' għal dejn ċivili li għandha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni. B'dak kollu li hemm fl-artikolu 10(1) tal-Kap 104 il-pożizzjoni li hemm fl-artikolu 3(1A) tal-istess Kap tibqa' mhux mittiefsa u ċioe' li fi proċeduri kriminali għal reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 kemm-il darba l-akkużat ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4) jiġi preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni'*

Illi għalhekk l-ewwel Qorti kellha raġun issib lill-appellant ħati tat-tieni akkuża wkoll.

Dwar it-tielet u r-raba' aggravju l-appellant jistqarr li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tordna s-sospensjoni tal-liċenzja tal-appelant stante illi l-prosekuzzjoni fl-akkuża tagħha talbet is-sospensjoni tal-liċenzja ai termini tal-artikolu 15 (3) tal-Ordinanza dwar ir-regolamenti tat-traffiku u stante li ma kien hemm l-ebda akkuża maħruġa taħt din l-Ordinanza s-sospensjoni ma kellhiex tingħata. Jingħad fl-ewwel lok li mhux minnu dak li stqarr l-appellant li ma kienx hemm akkużi li ħargu mill-kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta għaliex l-ewwel akkuża hija naxxenti mill-artikolu 15 ta' dan il-kap. Il-prosekuzzjoni ma hix obbigata li tiċċita l-artikolu tal-liġi li biha qed takkuża lil dak li jkun iżda għandha l-obbligu li tikteb l-akkuża *sic et simplicite*. Issa fil-każ ta' sewqan bla kopertura ta' polza tal-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi, hija ta' skwalifika mil-liċenzji għal perjodu ta' sena, skont l-art.3 (2A) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta. Hu minnu li dan l-artikolu jipprovdi li din l-iskwalifika tista' ma tingħatax **<u>jekk</u>** il-Qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor, pero' f'dan il-każ ma tirriżulta ebda raġuni speċjali li tista' b'xi mod tiġġustifika li din il-Qorti teroga skwalifika inqas minn dik tassattivament iffissata mil-liġi. Għalhekk l-Ewwel Qorti għamlet sew li ordnat l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan. F'każ li l-appellant iħoss li għandu raġunijiet speċjali l-għaliex din il-Qorti m'għandhiex tordna l-iskwalifika tistieden lill-istess appellant jippreżenta rikors ai termini tal-artikolu 30 (2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li tiġi mogħtija din is-sentenza.

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti kemm fir-rigward il-mertu kif ukoll fir-rigward il-piena mogħtija u għalhekk qiegħda tiċħad l-appell tal-appellant.

Qiegħda wkoll bl-applikazzjoni tal-artikolu 2A tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta tiskwalifika lill-appellant milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data tal-lum f'nofs il-lejl.

Għalhekk qegħda wkoll tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tara li l-multa inflitta favur il-Gvern ta' Malta fl-ammont ta' €2,330 tiġi miġbura minnha.

**(ft) Consuelo Scerri Herrera**
**Imħallef**

**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**